# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1170/98**

**Numru 25**

**Avukat Dr Joseph Borg**

**vs**

**Joseph Sacco**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jgi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma li tigi minn din il-Qorti likwidata bhala danni minnu sofferti b'konsegwenza tal-incident tat-traffiku tat-22 ta' Lulju 1996 billi waqt li l-konvenut kien isuq il-motor-van JAC 125 ikkaguna hsara fil-karozza tal-attur E-2442, illum EAM 745, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut wahdu responsabbli minhabba inattenzjoni, imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax legali u ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali apprezentata fid-data tal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-attur u dik tat-30 ta' Gunju 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux hames mitt lira (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa illi:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda unikament tort tal-attur nnifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur jsostni, skond kif jidher mix-xhieda tieghu a fol 11 tal-atti, illi fid-data specifikata fl-avviz ghall-habta tat-8.30a.m., hu kien qed jsuq il-karozza specifikata fl-avviz fil-parti dejqa ta' Triq Sant'Anton gej mid-direzzjoni tal-Knisja ta' Casal Attard. Quddiemu kien hemm "van" bin-numru JAC 125 li waqaf sabiex is-sewwieq tal-istess "van" ossija l-konvenut odjern jsaqsi "ghal xi direzzjoni". Minhabba hekk l-attur ghafas il-pedala tal-"brake". Pero' hu sema hoss u kif hareg mill-karozza tieghu u sab li l-"van" misjuq mill-konvenut kellu kanna fil-baxx fuq in-naha ta' wara, liema kanna tal-metal u tan-nofs pulzier kienet hierga minn taht il-"van" u tisporgi l-barra ghal madwar seba' jew tmien piedi fit-tul. Skond l-attur, dak il-hin hu kien qal lill-konvenut li l-istess kanna ma kellhiex sinjal u li din suppost kellha carruta hamra. Bhala konsegwenza tal-istess incident l-attur spjega li l-istess kanna kienet kissret il-"grill" u faqghet ir-"radiator" tal-karozza tieghu. Hawnhekk hu u l-konvenut kienu marru fl-ghassa tal-Pulizija sabiex jsir ir-rapport u meta mar lura fuq il-post tal-incident ra li "xi hadd kien pogga carruta tal-khaki fuq it-tarf tal-kanna, liema carruta, skond l-attur, ma kienetx hemm qabel meta kien sehh dan l-incident. In rigward l-istess incident l-attur testwalment qal "Nikkalkula li bhala distanza bejnietna kien hemm sitt piedi circa. F'din id-distanza, ta' sitt piedi bejnietna, il-kanna ma kontx rajtha".

Ikkunsidrat

Illi l-Uffijcal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz ossija PS 226 Paul Bonanno (fol 42 et seq ibid) waqt li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmul minnu (fol 45 u 46 tal-atti) kien innota li l-vettura misjuqa mill-konvenut kellha kanna tisporgi fuq wara "forsi erba' jew hames piedi". Ix-xhud ma setax jghid x'kienet ir-raguni ghaliex ma kienx indika l-istess kanna fuq l-iskizz imsemmi. Inoltre hu xehed, testwalment "Ma rajt l-ebda carruta jew xi sinajl iehor fuq l-istess kanna".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 58 et seq ibid) spjega li fil-gurnata in kwistjoni, hu kien akkumpanjat minn zewg persuni ossija "fitters". Taht il-van misjuq minni, kien hemm "pipe" marbut u b'bicca hamra imdendla mieghu. In-rigward l-istess "pipe" li kien tan-nofs pulzier u twil hamsa u ghoxrin pied, dan kien jisporgi "xi pied u nofs" fuq wara u kien xi pied u nofs gholi mill-livell tat-triq. In rigward l-incident, hu sostna li kien waqaf sabiex wiehed minn shabu seta jinzel minn fuq il-"van" u jsaqsi fejn kien il-post li fih kellu jsir servizz ta' ilma u waqt li kien hekk wieqaf, kien gie l-attur u habat mieghu fuq wara. In rigward ic-carruta hu sahaq li "kienet hemmhekk mill-bidunett tal-incident" liema carruta kienet ta' kulur ahmar u mhux kulur il-khaki.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li l-partijiet jaqblu li taht il-”van” misjuq mill-konvenut kien hemm kanna marbuta u tisporgi l-barra fuq in-naha ta’ wara. Pero l-istess partijiet ma jaqblux dwar kemm kienet tisporgi l-barra l-istess kanna dwar kemm kienet il-fuq mit-triq u dwar jekk kienx hemm xi sinjal bhal carruta ta’ xi kulur marbuta mal-istess kanna fuq wara, sabiex din setghet tkun vizibbli.

Illi in rigward tali konflitt ma jidhrix li x-xhieda ta’ PS 226 Paul Bonnano tista’ tkun ta’ xi ghajnuna tant li l-istess Ufficcjal tal-Pulizija lanqas ma indika din il-kanna fuq l-iskizz maghmul minnu (fol 46 tal-atti).

Illi, ghalhekk, f’dan il-kaz, il-Qorti tinsab rinfaccjata b’versjonijiet konfliggenti bejnithom f’dak li hu sostanzjali ghal dan il-kaz minghajr ma tesisti prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet involuti sabiex tkun tisa’ tara liema minnhom hi dik veritjera. Ghalhekk tenut kont li kien jinkombi fuq l-attur li jiprova fuq basi ta’ probabilta’ (aktarx iva milli le) li l-konvenut kien negligenti f’dan il-kaz, il-Qorti tara li ma ghandhiex tilqa’ t-talbiet attrici minhabba tali nuqqas f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

-

Alan Calleja
Dep.Reg